MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru 6666/2009

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)

Vs

Daniel Briffa

Illum, 18 ta' Frar, 2009

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors tal-Avukat Generali prezentat illum li permezz tieghu talab, skond ma jipprovdi l-Artikolu 574A (9) tal-Kap 9, ir-riarrest mill-gdid tal-imputat jew, alternattivament, li jigu mposti kundizzjonijiet aktar ibsin ghall-helsien mill-arrest;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-lum stess li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-hamsa w nofs ta' wara nofs in-nhar;

Rat l-atti tal-kawza, limitatament ghall-finijiet tat-talba tal-Avukat Generali; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza, kif ukoll semghet bil-gurament lill-Ispettur Elton Taliana;

Ikkunsidrat:

L-intimat Daniel Briffa jinsab akkuzat bit-tentattiv ta' omicidju ta' Nezar El Gadi, li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna tal-istess El Gadi, li ghamel hsara volontarja fuq il-proprjeta' ta' Margaret Mifsud u ta' Michael Grech, li kellu fil-pussess tieghu mus minghajr id-debita licenzja (liema mus allegatament intuza fil-kuntest tal-ewwel imputazzjoni), u li kiser il-bon- ordni u l-paci pubblika. Dawn ir-reati allegatament gew kommessi fil-15 ta' Frar, 2009 fis-saghtejn ta' filghodu f'Birkirkara;

Meta l-intimat Briffa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Frar, 2009, huwa nghata, minkejja l-oposizzjoni tal-prosekuzzjoni, il-helsien mill-arrest provvizorju bil-kundizzjonijiet, fost ohrajn, li jirraporta kull nhar ta' Gimgha fil-Ghassa ta' B'Kara bejn is-6pm u t-8pm, li ma jghaddix minn Triq Casolani f'B'Kara, u fuq garanzija personali ta' hamest elef euro.

Apparti l-indoneita' palesi ta' garanzija personali f'dan il-kaz, u cioe' meta si tratta ta' akkuza ta' reat serjissimu bhalma hu tentattiv ta' omicidju – din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghad-digrieti taghha tat-22 ta' Dicembru, 2008 fl-ismijiet "Il-Pulizija v Peter Paul Vella" u "Il-Pulizija v Glen Borg" – il-kaz fil-konfront tal-intimat Briffa jiddependi f'mizura kbira fuq id-depozizzjoni ta' erba' xhieda, inkluz l-imsemmi El Gadi. Dawn l-erbgha min-nies, flimkien ma' xhud iehor li hu l-proprjetarju ta' wahda mill-vetturi danneggjati, ilkoll jabitaw fil-vicinanzi ta' fejn jabita l-intimat. Ghalhekk, f'dana l-istadju , meta ghadhom ma ddeponewx l-allegata vittma principali u persuni li gharfu lill-intimat – dan, fl-istqarrija tieghu, jichad l-involviment tieghu fl-incident meritu tal-imputazzjonijiet – jezisti l-perikolu ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif ravvizat fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap 9. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel

Qorti malament ezercitat id-diskrezzjoni taghha meta akkordat il-helsien mill-arrest f'dana l-istadju.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba tal-Avukat Generali kif migjuba fir-rikors tieghu, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2009 li permezz tieghu akkordat il-helsien mill-arrest lil Daniel Briffa, u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-istess Daniel Briffa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------